MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 7/2010

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta:

1. Illi l-partijiet A u C B nghaqdu fiz-zwieg fid-9 ta' April tas-sena 1994 u minn dan iz-zwieg huma ghandhom zewgt ulied li ghadhom minuri jisimhom D u E ta' erbatax (14) il-sena u ghaxar (10) snin rispettivament;

2. Illi l-partijiet sseparaw volontarjament minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono tat-13 ta' April 2007 kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bl-ittra '**A**';

3. Illi ai termini tar-raba (4) artikolu tal-fuq imsemmi kuntratt, il-partijiet ftehmu illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri D u E tigi fdata konguntivament bejn il-partijiet b'dan illi l-ulied ghandhom jghixu ma l-intimata salv ghad-dritt ta' access favur ir-rikorrenti kif hemm stipulat.

Permezz ta’ dan l-artikolu gie stipulat ukoll illi ic-children’s allowance u kwalunkwe family allowance ohra ghandha terciviehom l-intimata;

4. Illi ai termini tal-hames (5) artikolu tal-fuq imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni, il-partijiet ftehmu illi r-ragel ihallas is-somma ta’ mija u ghoxrin Lira Maltin (Lm120), illum ekwivalenti ghal kwazi mitejn u tmenin Euro (€280), kull erba’ gimghat bhala manteniment ghal uliedu;

5. Illi sussegwentement ghall-iffirmar tal-fuq imsemmi kuntratt sehhu cirkustanzi li wasslu lir-rikorrent sabiex jibda prroceduri ta’ medjazzjoni sabiex jiehu lil uliedu fil-kura u l-kustodja unikament tieghu u dan billi kif spjegat fl-ittra (li nghatat in-numru 1143/09) li qed tigi hawn annessa u mmarkata bl-ittra ‘**B**’ mibghuta lir-Registratur Qorti Civili (Sezzjoni Familja), ir-rikorrenti ppermettiet li jsehhu cirkustanzi u anke agixxiet b’tali mod u manjiera li turi bic-car li hija m’hijiex kapaci li timxi fl-ahjar interess ta’ l-ulied minuri u qed tiehu decizjonijiet li jmorru kontra l-interess tal-minuri kif ser jirrizulta mill-provi mressqa fil-kawza odjerna;

6. Illi kontestwalment ma l-ittra ghal medjazzjoni, ir-rikorrent pprezenta wkoll rikors sabiex tinghata ordni li tawtorizzah jiehu lill-ulied minuri jirrisjedu mieghu u sabiex tinhatar social worker halli tinvestiga l-kaz fl-isfond tat-talba tieghu li jkollu eskluzivament il-kura u l-kustodja tal-minuri fdata f’idejh. F’dan ir-rigward, l-Onorabbli Qorti hatret lis-Social Worker Josette Camilleri, u wara li rat ir-rapport ta’ l-istess tat digriet fit-23 ta’ Novembru 2009 fis-sens li l-ulied minuri kellhom jirrisjedu ma l-esponent salv id-dritt ta’ access favur l-intimata, kollox kif jirrizulta mis-serje ta’ dokumenti hawn annessa u mmarkati bl-ittra ‘**C**’;

7. Illi da parti taghha l-intimata pprezentat rikors fis-7 ta’ Ottubru 2009 fejn talbet li l-minuri E terga tibda tirrisjedi maghha liema rikors wassal sabiex jinghata digriet fit-3 ta’ Novembru 2009 fejn il-hinijiet ta’ access li l-intimata kellha ghal din il-minuri gew varjati, kollox kif jirrizulta mis-serje ta’ dokumenti hawn annessa u mmarkati bl-ittra ‘**D**’;

8. Illi fis-17 ta’ Novembru 2009, l-Agenzija Appogg pprezentat nota fejn spjegat lill-Onorabbli Qorti fatti marbuta ma l-access moghti lill-intimata minn fejn jirrizulta li it-tifla D uriet ix-xewqa li ma tibqax tmur ghall-access ma’ ommha peress illi hija kienet qieghed thoss li waqt il-hin ta’ l-access ommha kienet qed taghti l-attenzjoni taghha kollha lill-ohta E u lilha tinjoraha u li l-intimata qablet li l-acess jibda jsir mal-minuri E biss (dokument hawn anness u mmarkat bl-ittra ‘**E**’);

9. Illi matul l-ahhar seduta ta’ medjazzjoni li sehhet bejn il-partijiet fis-16 ta’ Dicembru 2009, deher car li l-partijiet ma setghux jaslu ghal ftehim bonarju bejnithom ghal dak li jirrigwarda l-kura u l-kustodja ta’ l-ulied minuri u *in seguito* ghal dan il-medjatur ghalqet il-medjazzjoni kif jirrizulta mid-digriet relattiv ta’ l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat 17 ta’ Dicembru 2009 hawn anness u mmarkat bl-ittra ‘**F**’;

10. Illi in vista wkoll tal-fatt illi ir-rikorrent ser jitlob li jigi fdat unikament bil-kura u l-kustodja ta’ l-ulied minuri, huwa ghandu jigi liberat mill-obbligu li jhallas manteniment ghall-ulied minuri u dan billi ser ikun hu li jahseb ghall-ghixien taghhom ta’ kull jum. Jigi rilevat li fil-prezent l-obbligu tal-hlas ta’ manteniment lill-ulied minuri jinsab sospiz permezz ta’ digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti ta’ l-ewwel ta Dicembru 2009 kopja hawn annessa u mmarkata bl-ittra ‘**G**’;

11. Illi in vista ta’ dak kollu hawn fuq spjegat ikun fl-ahjar interess ta’ l-ulied minuri D u E li l-ftehim li sar bejn il-partijiet permezz tal-fuq imsemmi kuntratt jigi mhassar u minnflok il-kura u kustodja taghhom tinghata unikament f’idejn l-esponent filwaqt illi r-rikorrenti jkun responsabbli direttament ghall-ghixien taghhom u ma jkollux obbligu li jhallas manteniment lill-intimata ghall-ulied;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Thassar l-artikoli erba’ (4) u hamsa (5) tal-kuntratt ta’ separazzjoni datat it-13 ta’ April 2007 fl-atti tan-Nutar

Dottor Joseph Debono li gie ffirmat bejn il-partijiet biex b'hekk anke tehles lir-rikorrent mill-obbligu tal-hlas tal-manteniment kif stipulat fl-istess kuntratt u kif fuq spjegat u dan anke in vista tat-tieni talba hawn taht maghmula; u,

2. Tordna li l-kura u l-kustodja ta' l-ulied minuri D u E tigi fdata unikament f'idejn l-esponent A B salv ghad-dritt ta' access favur l-intimata C B li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi l-esponenti qed topponi ghall-ewwel talba tal-attur li jigi revokat l-artikolu (4) u hamsa (5) tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 13 ta' April 2007 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono li gie iffirmat bejn il-partijiet biex b'hekk ir-rikorrenti jigi mehlus mill-obbligu tal-hlas ta' manteniment kif stipulate fil-kuntratt stante li t-talba tieghu hija infondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
2. Illi l-esponenti qed topponi ghat-tieni talba tal-attur li jigi fdat esklussivament il-kura u l-kustodja tal-minuri D u E u dan stante ghal fatt li t-talba tieghu hija msejsa fuq allegazzjoni li hija infondata fil-fatt fid-dritt kif ser jigi ampjament provat fit-trattazzjoni tal-kawza kif ukoll permess li huwa ma huwiex idonju biex jassumi r-responsabilta tal-kura u kustodja tal-ulied minuri;
3. Illi l-esponenti tirrileva li dan ma huwiex l-ewwel tentattiv tar-rikorrenti li jezimi mir-responsabilita' tieghu li jhallas ghal manteniment tal-minuri u kien tigi ttenta kawza fuq permessi differenti fl-ismijiet A B vs C B (Cittaz. Nru 47/ NC) li giet sussegwentement minnu ceduta;
4. Illi l-esponenti qed topponi li tigi addebitata kwalunkwe spejjez ghal dawn il-proceduri;
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet ix-xhieda kollha illi gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat il-verbal taghha tal-24 ta' Frar 2012 li permezz tieghu il-Qorti rat illi l-partijiet waslu ghall-ftehim.

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghal sentenza ai termini ta' ftehim illi intlahaq bejn il-partijiet kif verbalizzat waqt is-seduta tal-24 ta' Frar, 2012.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza skond kif ftehmu il-partijiet u kif verbalizzat waqt is-seduta tal-24 ta' Frar, 2012, billi tilqa t-talbiet attrici u tvarja il-kawsola 4 fil-kuntratt ta' separazzjoni imsemmi fl-ewwel talba, fis-sens illi il-kura u l-kustodja tal-minuri D tigi fdata unikament f'idejn l-attur, filwaqt illi l-kura u l-kustodja tal-minuri E tibqa fdata unikament f'idejn il-konvenuta bid-dritt ta' access liberu skond ix-xewqat tal-istess ulied minuri. Il-Qorti tordna illi fir-rigward tal-klawsola numru 5, din ghandha tigi varjata fis-sens illi kull parti hija unikament responsabbli ghall-manteniment ta' dik it-tifla li hija fdata il-kura u kustodja taghha. Il-klawsola 5 B ta' l-istess kuntratt hija ikkonfermata. Il-Qorti tordna illi kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------